

## I

(Atti leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1208

tas-7 ta' Awwissu 2020

**dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tal-preżentazzjoni u r-rieżami tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 19(5), 26(7), 37(6), 38(4) u l-Artikolu 39(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jistabbilixxi qafas bażiku għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-politika dwar il-klima. Id-dispożizzjonijiet ta' dak il-mekkaniżmu huma integrati bis-sħiħ fir-Regolament (UE) 2018/1999, li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 mill-1 ta' Jannar 2021. Fi ħdan dak il-mekkaniżmu, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli fir-rigward tar-rappurtar tal-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali, tal-użu ta' dħul mill-irkant, tal-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, tal-inventarji tal-gassijiet serra approssimizzati, tal-inventarji ta' gassijiet serra u emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra kontabilizzati, tar-regoli dwar sistemi ta' inventarji nazzjonali, tar-rieżami komprensiv, kif ukoll tal-politiki u l-miżuri u tal-projezzjonijiet.
- (2) Is-sistema integrata ta' monitoraġġ u rapportar għall-inventarji tal-gassijiet serra, għall-projezzjonijiet u għall-politiki u għall-miżuri, inkluż is-sistemi nazzjonali, tgħin biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-*data* bejn ix-xejriet tal-emissjonijiet tal-passat, ix-xejriet futuri tal-emissjonijiet u l-effett tal-politiki u l-miżuri biex jintlaħqu l-oġettivi ta' mitigazzjoni tal-klima. Barra minn hekk, ir-rappurtar mill-Istati Membri tal-inventarju nazzjonali tal-gassijiet serra huwa sostantivament marbut mas-sistemi ta' inventarji nazzjonali, li huma l-arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali għall-istima tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, il-proċess ta' rieżami komprensiv jivverifika l-kwalità tad-*data* tal-inventarju nazzjonali ppreżentata. Għalhekk huwa xieraq li r-regoli relatati mas-sistemi ta' inventarji nazzjonali, mar-rieżami komprensiv, mas-sistemi għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet u mal-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri skont il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1999 jiġu inklużi f'Regolament ta' Implimentazzjoni wieħed.

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 21.12.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠUL 165, 18.6.2013, p. 13).

- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) <sup>(3)</sup> li sservi ta' laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi <sup>(4)</sup> li ġie adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 dwar it-tibdil fil-klima, wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC ("il-Ftehim ta' Pariġi"), fid-Deċiżjoni 18/CMA.1, adottat il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida għall-qafas ta' trasparenza tal-azzjoni u l-appoġġ, li jstabbilixxu, fost l-oħrajn, ir-rappurtar dwar l-inventarji tal-gassijiet serra, il-politiki u l-miżuri, il-projezzjonijiet, l-impatti u l-adattament u l-appoġġ mogħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni f'konformità ma' dawn il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024.
- (4) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw rapporti kull sentejn lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-ippjanar u l-istrategġija nazzjonali tagħhom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar li hemm ftehim dwarhom fil-UNFCCC u fil-Ftehim ta' Pariġi. Din l-informazzjoni se tintuża sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fl-adattament għat-tibdil fil-klima u l-azzjonijiet li jkunu tteħdu f'dan ir-rigward, biex jiġu infurmati u appoġġati l-implimentazzjoni u r-rieżamijiet tal-istrategġija ta' adattament tal-Unjoni, biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-progress tal-UE rigward l-għan ta' adattament tal-Ftehim ta' Pariġi, biex isir possibbli l-iskambju tal-prattiki tajba bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea u biex jiġu evalwati l-ħtiġijiet tagħhom u kemm huma lesti biex jitrattaw it-tibdil fil-klima. F'konformità ma' arranġamenti internazzjonali ta' rappurtar, jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll idea ġenerali jew eżempji ta' Prattika tajba dwar l-attivitajiet sottonazzjonali bil-għan li jitravwem l-għarfien tal-azzjoni ta' adattament f'livelli oħra ta' governanza u biex l-UE tkun tista' tippromwovi aħjar azzjoni bħal din.
- (5) Fid-dawl tal-esperjenza tal-passat fir-rappurtar dwar l-użu tad-dħul mill-irkant, huwa meħtieġ li l-Istati Membri li jirrapportaw dwar l-użu tal-ekwivalenti f'valuri finanzjarji tad-dħul mill-irkant tagħhom, jirrapportaw il-valuri li jkunu rappreżentattivi tal-infiq tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3d u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>.
- (6) Ir-rappurtar tal-Istati Membri tal-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jenħtieġ li jkun dettaljat kemm jista' jkun u jiġi pprovdut fil-livell ta' programmi jew attivitajiet. L-informazzjoni mmarkata bħala "disponibbli" trid tiġi rrapportata biss jekk tkun disponibbli lill-Istati Membri sa meta jiddaħħal ir-rapport fis-sistema Stat Membru ma għandux għalfejn jimla u jippreżenta t-Tabella dwar l-appoġġ ippjanat fil-każ li l-informazzjoni rilevanti ma tkunx disponibbli għat-Tabella kollha, *inter alia* minħabba proċessi baġitarji pendenti jew li għaddejjin bħalissa. Biex tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw ukoll il-format tar-rappurtar previst għas-Sistema tar-Rappurtar tal-Kredituri (Creditor Reporting System — CRS), introdotta mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Skont id-Deċiżjoni 18/CMA.1, l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar għotja ekwivalenti għall-UNFCCC fuq bażi volontarja. Sabiex tiġi żgurata koerenza mar-rappurtar fil-livell internazzjonali, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati kemm jista' jkun mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Konferenza tal-Partijiet, li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u mal-bidliet metodoloġiċi rilevanti li saru mid-DAC tal-OECD, meta dawn isiru disponibbli.
- (7) L-ambitu settorjali tal-inventarju approssimat jirrappreżenta sommarju tal-ogħla livell tal-ambitu settorjali aktar dettaljat tal-inventarju totali tal-gassijiet serra. Dan jiżgura li l-istimi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati fl-inventarju approssimat għas-sena t-1 ikunu konsistenti mal-istimi tal-inventarju tal-gassijiet serra rrapportati fis-sena t-2. Is-settur tal-Użu tal-Art, tat-Tibdil fl-Użu tal-Art u tal-Forestrija (LULUCF) huwa parti integrali tal-inventarju annwali, u jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu stimi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF fl-inventarju approssimat tal-gassijiet serra tagħhom.

<sup>(3)</sup> Approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (94/69/KE) (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

<sup>(4)</sup> Approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (8) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tal-kwalità fuq bażi kontinwa, u biex jiġi ffaċilitat il-proċess tar-reviżjoni teknika esperta, jenħtieġ livell għoli ta' dettall tekniku u ta' informazzjoni fir-rapporti tal-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2018/1999 jintegra r-rekwiżiti ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup> u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(7)</sup> fir-rapportar annwali tal-inventarju tal-gassijiet serra u jaġġusta għaċ-ċiklu ta' kontroll tal-konformità ta' ħames snin tagħhom billi jstabilixxi proċess ta' rieżami komprensiv fl-2027 u fl-2032. Għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati l-istruttura, il-format u l-proċess ta' rappurtar tal-użu maħsub tal-flessibilità u tat-trasferimenti tal-emissjonijiet konklużi u l-użu tad-dħul li jirriżulta skont ir-Regolament (UE) 2018/842 u l-integrazzjoni tar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 fir-rapportar dwar il-projezzjonijiet. Mill-informazzjoni rrapportata dwar it-trasferimenti konklużi skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u r-Regolament (UE) 2018/842, il-prezzijiet individwali rrapportati dwar it-trasferimenti konklużi mhux se jiġu żvelati, filwaqt li l-firxa tal-prezzijiet li jitħallsu għal kull unità, jiġifieri l-inqas u l-ogħla prezz fit-tranżazzjonijiet kollha rrapportati mill-Istati Membri, jenħtieġ li ssir disponibbli.
- (9) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-obbligi stabbiliti mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-perjodi ta' żmien għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-tħejija tar-rapport tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tar-rieżami tal-UNFCCC. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu determinati l-proċedura u l-iskeda għat-tweġiq tar-rieżami komprensiv tal-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tiegħu.
- (10) L-Istati Membri jenħtieġ li jstabilixxu u joperaw sistemi ta' inventarji nazzjonali biex jiżguraw u jtejbu l-kwalità tal-inventarji permezz tal-ippjanar, it-tħejija u l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-inventarji, li jinkludu l-ġbir ta' data dwar l-attività, l-għażla adegwata ta' metodi u fatturi tal-emissjonijiet, l-istima tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar, l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' valutazzjoni tal-inċertezza u tal-garanzija/kontroll tal-kwalità, u t-tweġiq ta' proċeduri għall-verifika tad-data tal-inventarji fil-livell nazzjonali. Sabiex tinżamm il-kwalità għolja tas-sistemi tal-inventarji nazzjonali mill-perjodu ta' qabel, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu japplikaw l-istess standards ta' ppjanar, ta' tħejija u ta' ġestjoni tal-inventarji kif stabbilit fl-Artikolu 27 sa 29.
- (11) Jenħtieġ li r-regoli dwar is-sistemi għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet ikunu konsistenti mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi. Peress li d-Deċiżjoni 18/CMA.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi titlob l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi segwit il-progress mal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-arranġamenti istituzzjonali, amministrattivi u proċedurali għall-implimentazzjoni domestika tal-kontribut tal-Unjoni stabbilit fil-livell nazzjonali.
- (12) Ir-rapportar tas-sustanzi li jniġġsu l-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament u tal-Kunsill <sup>(8)</sup> u dwar il-gassijiet serra fil-biċċa l-kbira jsegwi approċċi simili, inklużi l-metodoloġiji li jużaw l-Istati Membri. Għalhekk, waqt ir-rapportar dwar politiki u miżuri, u projezzjonijiet u s-sistemi tagħhom, f'konformità mal-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament, huwa appoġġat approċċ metodoloġiku konsistenti billi jitqiesu l-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet irrappurtati permezz tad-Direttiva (UE) 2016/2284.
- (13) Jenħtieġ li l-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tintuża għar-rapportar tad-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Il-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex l-informazzjoni ppreżentata fiha tkun diretta lejn il-punt ta' dħul uniku tal-Kummissjoni jew tintbagħat permezz tiegħu, u tiġi skambjata kif xieraq mas-sistemi ta' rappurtar ikkollegati rilevanti bħar-Reportnet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1)

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

- (14) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1999, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (15) F'konformità mal-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament (UE) 2018/1999, ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 7, tal-punti (a) u (d) tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, li jridu japplikaw għar-rapporti li fihom id-*data* għas-snin 2019 u 2020. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 749/2014 jitħassar mill-1 ta' Jannar 2021, iżda jenħtieġ li l-Artikoli 3 sa 18 u 27 sa 43 jkomplu japplikaw għar-rapporti li jkun fihom id-*data* ta' dawk is-snin.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJET

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (UE) 2018/1999/KE fir-rigward ta' dan li ġejj:

- (a) Ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-azzjonijiet nazzjonali ta' adattament, l-użu tad-dħul mill-irkant u l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku mogħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (b) ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-inventarji tal-gassijiet serra approssimati (jew GHG), l-inventarji tal-gassijiet serra u l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra kontabilizzati skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (c) ir-rekwiżiti dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-funzjonament ta' sistemi ta' inventarju nazzjonali skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (d) l-iskeda u l-proċedura għat-twertiq tar-rieżami komprensiv skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (e) ir-rappurtar tas-sistemi nazzjonali għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1999

#### Artikolu 2

#### Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għar-rapporti sottomessi mill-Istati Membri li jinkludu d-*data* meħtieġa għas-sena 2021 u 'l quddiem.

#### Artikolu 3

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tabella tar-rappurtar komuni ", jew "TKR", tfisser tabella għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar inklużi fl-Anness II tad-Deċiżjoni 24/CP.19 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (id-Deċiżjoni 24/CP.19);
- (2) "approċċ ta' referenza" tfisser l-approċċ ta' referenza mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), kif stabbilit fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006 (il-"Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC");
- (3) "approċċ 1" tfisser il-metodu bażiku għall-istima tal-inċertezzi inklużi fil-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC;
- (4) "kategorija ewlenija" tfisser kategorija li għandha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' Stat Membru jew tal-Unjoni ta' gassijiet serra f'termini tal-livell assolut tal-emissjonijiet u l-assorbimenti, ix-xejra tal-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti;

- (5) “approċċ settorjali” tfisser l-approċċ settorjali tal-IPCC, kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC;
- (6) “qafas ġenerali għad-dokumenti dwar l-inventarji tal-gassijiet serra” tfisser il-profil stabbilit fl-Appendiċi tal-linji gwida ta’ rappurtar tal-UNFCCC tal-inventarji annwali tal-gassijiet serra kif inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 24/CP.19.;
- (7) “MPGs għat-trasparenza” tfisser il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida għall-qafas ta’ trasparenza għall-azzjoni u l-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 13 tal-Ftehim ta’ Pariġi, kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni 18/CMA.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi ta’ laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi;
- (8) “linji gwida għall-inventarji tal-gassijiet serra” tfisser il-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1044 <sup>(9)</sup>;
- (9) “rikalkulazzjoni” hija proċedura biex jiġu stmati mill-ġdid, f’konformità mal-linji gwida għall-inventarji tal-gassijiet serra, tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta’ gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar, l-inventarji tal-gassijiet serra li kienu ġew sottomessi qabel b’konsegwenza ta’ bidliet fil-metodoloġiji, bidliet fil-mod li bih jinkisbu u jintużaw il-fatturi tal-emissjonijiet u d-*data* dwar l-attività, jew b’konsegwenza tal-inklużjoni ta’ kategoriji ġodda ta’ sorsi u ta’ bjar.

## KAPITOLU II

### RAPPURTAR MILL-ISTATI MEMBRI DWAR L-AZZJONIJET TA’ ADATTAZZJONI NAZZJONALI, DĦUL MILL-IRKANT U APPOĠĠ GĦAL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

#### Artikolu 4

#### **Informazzjoni dwar azzjonijiet ta’ adattament nazzjonali**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija dwar l-azzjonijiet ta’ adattazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 19(1)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f’konformità mal-format stabbilit fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

#### Artikolu 5

#### **Informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkant**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkant skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f’konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

#### Artikolu 6

#### **Informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni kwantitattiva dwar ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi u mobilizzati msemmija fil-punt (a)(i) u l-informazzjoni disponibbli dwar l-attivitàjiet tal-Istat Membru relatati ma’ proġetti ta’ trasferiment ta’ teknoloġija b’fondi pubbliċi u proġetti ta’ bini tal-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC imsemmija fil-punt (a)(iii) tal-Parti 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999, f’konformità mal-format komuni tat-tabelli introdott mill-Kumitat ta’ Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għar-rappurtar fis-Sistema ta’ Rappurtar tal-Kredituri (CRS) jew mal-formati stipulati fl-Anness III ta’ dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni metodoloġika kwalitattiva li tispjega l-metodu użat għall-kalkolu tal-informazzjoni kwantitattiva msemmija fil-punt (a)(ii) tal-Parti 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999 f’konformità mal-format stabbilit fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni disponibbli dwar l-ġhoti ta’ appoġġ ippjanat imsemmi fil-punt (b) tal-Parti 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999 f’konformità mal-format stabbilit fl-Anness V ta’ dan ir-Regolament.

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) (UE) 2020/1044 tat-8 ta’ Mejju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri għall-potenzjali ta’ tisħin globali u l-linji gwida tal-inventarju u fir-rigward tas-sistema tal-inventarju tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2014 (ĠU L 230, 17.7.2020, p. 1).



## KAPITOLU III

**RAPPURTAR MILL-ISTATI MEMBRI DWAR L-INVENTARJI TAL-GASSIJET SERRA APPROSSIMATI, L-INVENTARJI TAL-GASSIJET SERRA U L-EMISSJONIJET U L-ASSORBIMENTI TAL-GASSIJET SERRA KONTABILIZZATI***Artikolu 7***Rappurtar tal-inventarji tal-gassijiet serra approssimati**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-inventarji tal-gassijiet serra approssimati tagħhom skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness VI:
  - (a) flivell ta' diżaggregazzjoni tal-kategoriji li jirriflettu d-*data* dwar l-attività u l-metodi disponibbli għat-tnejn tal-istimi għas-sena X-1;
  - (b) f'kolonni separati li juru d-distinzjoni bejn l-emissjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u l-emissjonijiet koperti mir-Regolament (UE) 2018/842 skont il-kategorija tas-sorsi, meta disponibbli.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet inkluż dwar il-muturi ewlenin għall-bidliet prinċipali fl-emissjonijiet u fl-assorbimenti rrapportati f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness VI meta mqabbla mal-aktar inventarju finali riċenti ta' gassijiet serra rrapportat.

*Artikolu 8***Regoli ġenerali għar-rappurtar tal-inventarji tal-gassijiet serra**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 billi, f'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarji tal-gassijiet serra u mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament, jimlew:
  - (a) it-tabelli komuni tar-rappurtar billi jipprovdu sett sħiħ ta' spreadsheets jew fajls ta' Lingwaġġ tal-Immarkar Estensibbli (XML), skont id-disponibbiltà tas-softwer xieraq, u li jkopru l-ambitu ġeografiku ta' dak l-Istat Membru skont ir-Regolament (UE) 2018/1999;
  - (b) l-informazzjoni kif speċifikata fl-Artikoli 9 sa 23 ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jabbozzaw ir-rapport tal-inventarju nazzjonali msemmi fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 ("rapport tal-inventarju nazzjonali", "NIR") ibbażat fuq l-istruttura ġenerali għad-dokumenti dwar l-inventarji tal-gassijiet serra, u skont ir-regoli previsti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikoli 9, 10, 12 u 14 sa 18 ta' dan ir-Regolament fir-rapport tal-inventarju nazzjonali jew f'Anness separat għar-rapport tal-inventarju nazzjonali, u għandhom jindikaw b'mod ċar f'konformità mal-Anness VII fejn qed tingħata l-informazzjoni.

*Artikolu 9***Rappurtar dwar ir-rikalkulazzjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-raġunijiet għar-rikalkulazzjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra msemmija fil-punt (d) tal-Parti I tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-snin 1990, 2005 u X-3; kif tinżamm il-konsistenza fis-serje temporali għas-snin kollha rrapportati bil-miktub fil-forma ta' abbozz tal-kapitolu tas-sommarju ddedikat għar-rikalkulazzjoni tar-rapport tal-inventarju nazzjonali.

*Artikolu 10***Rappurtar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni dwar il-passi li haġu biex itejbu l-istimi tal-inventarju msemmija fil-punt (g) tal-Parti I tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.
2. Fir-rapporti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikopru ż-żewġ kwistjonijiet li tqajmu għall-ewwel darba fl-aktar rapporti ta' rieżami rispettivi riċenti u fi kwistjonijiet ripetuti minn rapporti ta' rieżami preċedenti.

*Artikolu 11***Rappurtar tal-metodi ta' inventarju, tal-fatturi tal-emissjonijiet, u tad-deskrizzjonijiet metodoloġiċi relatati għall-kategoriji ewlenin tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja għat-tnejjija tar-rapport tal-inventarju tal-Unjoni msemmi fil-punt (m) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999:
  - (a) informazzjoni fil-qosor dwar il-metodi u l-fatturi tal-emissjonijiet li ntużaw għall-kategoriji ewlenin tal-Unjoni fil-fajls XML rilevanti tat-tabelli tar-rappurtar komuni;
  - (b) għal dawk il-kategoriji ewlenin tal-Unjoni, meta l-informazzjoni dwar il-metodi u l-fatturi tal-emissjonijiet ma tkunx inkluda fit-tabelli ta' rappurtar komuni, informazzjoni f'konformità mal-Parti 3 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament;
  - (c) id-deskrizzjonijiet fil-qosor tal-metodoloġiji aġġornati għall-kategoriji ewlenin tal-Unjoni f'konformità mal-format stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness IX.
2. Għall-finijiet tar-rappurtar skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Istati Membri b'dan li ġej:
  - (a) il-lista tal-kategoriji ewlenin l-aktar riċenti tal-Unjoni sal-31 ta' Ottubru f'konformità mal-format ta' tabelli stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness IX;
  - (b) il-lista aġġornata msemmija fil-paragrafu 2(a) bil-bidliet enfasizzati, sat-28 ta' Frar;
  - (c) meta disponibbli, l-informazzjoni dwar metodi taż-żamma tal-inventarji, dwar il-fatturi tal-emissjonijiet u dwar deskrezzjonijiet fil-qosor tal-metodoloġiji sal-31 ta' Ottubru f'konformità mal-format stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IX;
  - (d) l-informazzjoni aġġornata msemmija fil-paragrafu 2(c) sat-28 ta' Frar.

*Artikolu 12***Rappurtar tal-inċertezza u l-kompletezza**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw tal-inqas l-istimi ta' inċertezza għall-approċċ 1 imsemmija fil-punt (m) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness X għal dan ir-Regolament.
2. Fir-rapport tal-inventarju nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni ġenerali tal-kompletezza msemmija fil-punt (m) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999, u jispeċifikaw:
  - (a) il-kategoriji, li ġew irrappurtati b'ħala mhux stmati (NE), kif definiti fl-MPLG għat-trasparenza, u spjegazzjonijiet dettaljati għall-użu ta' din l-entrata ewlenija speċjalment meta l-linji gwida dwar l-inventarji tal-gassijiet serra jipprovdu l-metodi għall-istima tal-gassijiet serra;
  - (b) il-kopertura ġeografika tal-inventarju tal-gassijiet serra, u kull differenza bejn il-kopertura ġeografika skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi u skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

*Artikolu 13***Rappurtar tal-indikaturi**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-indikaturi msemmija fil-punt (e) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XI.

*Artikolu 14***Rappurtar tal-konsistenza tal-emissjonijiet irrappurtati b'data mis-sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fil-punt (i) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'format testwali, u jispeċifikaw:

#### Artikolu 15

### Rappurtar tal-konsistenza tad-*data* rappurtata dwar sustanzi li jniġġsu l-arja

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki msemmija fil-punt (j)(i) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u dwar il-konsistenza tad-*data* skont il-punt (b) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'format testwali, u jispeċifikaw:

- (a) jekk l-istimi tal-emissjonijiet ta' monossidu tal-karbonju (CO), ta' diossidu tal-kubrit (SO<sub>2</sub>), ta' ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>) u ta' komposti organiċi volatili, fl-inventarji ppreżentati mill-Istat Membru skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 humiex konsistenti mal-istimi tal-emissjonijiet fl-inventarji tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.
- (b) id-dati tal-preżentazzjoni tar-rapporti skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 li ġew imqabbla mal-preżentazzjoni tal-inventarji skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

2. Meta l-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 jirriżultaw f'differenzi ta' aktar minn  $\pm 5\%$  bejn l-emissjonijiet totali li jeskludu l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) għal inkwinant tal-arja partikolari rappurtat skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u skont id-Direttiva (UE) 2016/2284, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, minbarra l-informazzjoni testwali msemmija fil-paragrafu 1, jirrapportaw informazzjoni għal dik is-sustanza li tniġġes l-arja f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jekk id-differenza ta' aktar minn  $\pm 5\%$  imsemmija fil-paragrafu 2 tirriżulta minn korrezzjoni ta' żbalji fid-*data*, jew mid-differenzi fil-kopertura ġeografika jew mid-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni bejn l-istrumenti legali rispettivi.

#### Artikolu 16

### Rappurtar tal-konsistenza tad-*data* rappurtata dwar gassijiet serra fluworurati.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fil-punt (j)(ii) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'format testwali, u jispeċifikaw:

- (a) il-kontrolli mwettqa mill-Istat Membru dwar il-livell ta' dettall, is-settijiet ta' *data* u l-preżentazzjonijiet li ġew imqabbla;
- (b) ir-riżultati prinċipali tal-verifiki u l-ispejgazzjonijiet għall-inkonsistenzi ewlenin;
- (c) jekk intużatx id-*data* miġbura minn operaturi skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(10)</sup>, u kif intużat;
- (d) ir-raġunijiet għaliex il-kontrolli ma kinux ikkunsidrati bħala rilevanti, meta ma jkunux twettqu dawk il-kontrolli.

#### Artikolu 17

### Rappurtar tal-konsistenza mal-istatistika dwar l-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fil-punt (j)(iii) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'format testwali, u jispeċifikaw id-differenzi bejn l-approċċ ta' referenza kkalkulat abbażi tad-*data* inkluża fl-inventarju tal-gassijiet serra u l-approċċ ta' referenza kkalkulat abbażi tal-istatistika dwar l-enerġija rappurtata skont l-Artikolu 4 u l-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(11)</sup>.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni kwantitattiva u l-ispejgazzjonijiet għad-differenzi ta' aktar minn  $\pm 2\%$  fil-konsum totali nazzjonali li jidher ta' karburant fossili fl-livell aggregat għall-kategoriji kollha tal-karburanti fossili, għas-sena X-2 imsemmi fil-paragrafu 1 skont l-Anness XIV ta'dan ir-Regolament.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).



*Artikolu 18***Rappurtar tal-bidliet fid-deskrizzjonijiet tas-sistemi tal-inventarji nazzjonali jew fir-reġistri**

L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw b'mod ċar fil-kapitoli rilevanti tar-rapport tal-inventarju nazzjonali jekk kienx hemm xi tibdil fid-deskrizzjoni tas-sistemi ta' inventarji nazzjonali tagħhom jew, jekk japplika, tar-reġistri nazzjonali tagħhom imsemmija fil-punti (k) u (l) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 mill-preżentazzjoni preċedenti tar-rapport dwar l-inventarju nazzjonali.

*Artikolu 19***Rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti bir-Regolament (UE) 2018/842**

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament 2018/1999 fil-kamp ta' applikazzjoni speċifikat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/842, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999, u l-aġġornamenti ta' din l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 20***Rappurtar tal-informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti konklużi f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841**

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti konklużi skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2018/841, imsemmija fil-punt (f) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament. Wara l-kompilazzjoni mill-Kummissjoni, sommarju tal-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu għandu jkun disponibbli fi żmien tliet xhur minn meta jaslu r-rapporti mill-Istati Membri, f'forma elettronika. F'dan is-sommarju, għandha tingħata l-firxa ta' prezzijiet li tħallsu għal kull tranżazzjoni tal-unitajiet ta' mitigazzjoni tal-art.

*Artikolu 21***Rappurtar tal-informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti konklużi f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/842**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 kif imsemmi fil-punt (f) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament. Wara l-kompilazzjoni mill-Kummissjoni, sommarju tal-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu għandu jkun disponibbli fi żmien tliet xhur minn meta jaslu r-rapporti mill-Istati Membri, f'forma elettronika. F'dan is-sommarju, għandha tiġi pprovduta l-firxa ta' prezzijiet imħallsa għal kull tranżazzjoni ta' allokkazzjoni annwali tal-emissjonijiet.

2. Fi żmien iż-żewġ perjodi bejn il-pubblikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 38(4) u l-bidu tal-proċedura ta' kontroll tal-konformità stabbilita fl-Artikolu 38(6) tar-Regolament (UE) 2018/1999 skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842, l-Istati Membri jistgħu jirrappurtaw lill-Kummissjoni fil-15-il jum ta' kull xahar dwar trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 f'konformità mal-format stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament. Wara l-kompilazzjoni mill-Kummissjoni, sommarju tal-informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu għandu jkun disponibbli, fil-ħin u f'forma elettronika.

*Artikolu 22***Rappurtar tal-informazzjoni dwar l-użu maħsub tal-flessibiltajiet f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/842**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni dwar l-użu intenzjonat tal-flessibiltajiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 5 u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 kif imsemmi fil-punt (n) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XVIII għal dan ir-Regolament.

2. Fiż-żewġ perjodi bejn il-pubblikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 38(4) u l-bidu tal-proċedura ta' kontroll tal-konformità stabbilita fl-Artikolu 38(6) tar-Regolament (UE) 2018/1999 skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw lill-Kummissjoni fil-15-il jum ta' kull xahar dwar l-użu previst tal-flessibbiltajiet fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 f'konformità mal-format stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament. Wara l-kompilazzjoni mill-Kummissjoni, l-informazzjoni li tasal skont dan il-paragrafu għandha tkun disponibbli, f'forma elettronika u sa mhux aktar tard minn tmiem ix-xahar imsemmi hawn fuq.

3. L-informazzjoni rrapportata skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandha tinkludi l-ebda trasferiment konkluż irrapportat skont l-Artikolu 21.

#### Artikolu 23

### Rappurtar tal-użu tad-dħul minn trasferimenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/842

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2018/842 imsemmi fil-punt (n) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XIX għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 24

### Rappurtar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra kontabilizzati

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra kontabilizzati skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XX.

#### Artikolu 25

### Perjodi ta' żmien għall-kooperazzjoni u għall-koordinazzjoni fit-tħejjija tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-rieżami tal-UNFCCC

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw u jikkoordinaw fit-tħejjija tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u fit-tħejjija tar-rapport tal-inventarju tal-Unjoni, f'konformità mal-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XXI.

2. Meta Stat Membru jerġa' jippreżenta l-inventarju tiegħu lis-Segretarjat tal-UNFCCC, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'sommarju tal-bidliet li jkunu saru fl-inventarju ppreżentat mill-ġdid, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-preżentazzjoni mill-ġdid.

3. Matul ir-rieżami tal-UNFCCC tal-inventarju tal-Unjoni, fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom, mill-aktar fis possibbli, jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tweġibiet għall-mistoqsijiet imqajma mill-evalwaturi tal-UNFCCC.

## KAPITOLU IV

### IR-REKWIŻITI DWAR L-ISTABILIMENT, IT-TĦADDIM U L-FUNZJONAMENT TAS-SISTEMI TA' INVENTARJI NAZZJONALI

#### Artikolu 26

### Funzjonament ta' sistemi ta' inventarji nazzjonali

Waqt li jkun qed jimplementa s-sistemi ta' inventarji nazzjonali skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu:

- jstabilixxi u jżomm l-arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali meħtieġa biex jitwettqu l-funzjonijiet skont l-Artikoli 27 sa 29, bejn l-aġenziji tal-gvern u entitajiet oħra responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet kollha;

- (b) jiżgura kapacià suffiċjenti għal tliet fil-ħin tal-funzjonijiet skont l-Artikoli 27 sa 29, inkluż il-ġbir tad-*data* għall-istima tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar u arranġamenti għall-kompetenza teknika tal-persunal involut fil-proċess ta' żvilupp tal-inventarju.

#### Artikolu 27

### Ippjanar tal-inventarju

1. Bħala parti mill-ippjanar tal-inventarju tiegħu, kull Stat Membru għandu:
  - (a) jaħtar entità nazzjonali waħda b'responsabbiltà globali għall-inventarju nazzjonali u jagħmel disponibbli l-indirizzi postali u elettroniċi tiegħu;
  - (b) jiddefinixxi u jalloka responsabbiltajiet speċifiċi fil-proċess ta' żvilupp tal-inventarju, inkluż dawk relatati mal-għażla tal-metodi, il-ġbir tad-*data*, b'mod partikolari *data* dwar l-attività u fatturi ta' emissjoni minn servizzi tal-istatistika u entitajiet oħra, l-ipproċessar u l-arkivjar, u l-kontroll tal-kwalità u l-assigurazzjoni tal-kwalità;
  - (c) jelabora pjan ta' assurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità li jiddeskrivi proċeduri speċifiċi ta' kontroll tal-kwalità li se jiġu implimentati matul il-proċess ta' żvilupp tal-inventarju, jiffaċilita l-proċeduri ġenerali ta' assurazzjoni tal-kwalità li se jitwettqu u jistabbilixxi objettivi ta' kwalità;
  - (d) jikkunsidra li jistabbilixxi proċessi għall-kunsiderazzjoni uffiċjali u l-approvazzjoni tal-inventarju, jekk rilevanti, inkluż kwalunkwe rikalkulazzjoni, qabel il-preżentazzjoni tiegħu u bi tveġiba għal kwalunkwe kwistjoni mqajma mill-proċessi ta' rieżami tal-inventarju.
2. Bħala parti mill-ippjanar tal-inventarju tiegħu, kull Stat Membru għandu, meta rilevanti, jikkunsidra modi kif itejjeb il-kwalità tad-*data* dwar l-attività, il-fatturi ta' emissjoni, il-metodi u elementi tekniċi rilevanti oħra ta' inventarji. L-informazzjoni miksuba mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' assurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, minn rieżamijiet skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u skont l-UNFCCC għandha, meta jixraq, tiġi kkunsidrata fl-iżvilupp u/jew fir-reviżjoni tal-pjan ta' assurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità u l-objettivi tal-kwalità.

#### Artikolu 28

### Thejjja tal-inventarji

1. F'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarji tal-gassijiet serra, kull Stat Membru għandu:
  - (a) jidentifika l-kategoriji ewlenin u jħejji stimi li japplikaw metodi xierqa biex jiġu stmati l-emissjonijiet u l-assorbimenti minn kategoriji ewlenin;
  - (b) jiġbor biżżejjed *data* dwar l-attività, informazzjoni dwar il-proċessi u fatturi ta' emissjonijiet meħtieġa biex jappoġġa l-metodi magħżula għall-istima tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar;
  - (c) jagħmel stima kwantitattiva tal-inċertezza tal-inventarju għal kull kategorija u għall-inventarju totali u jħejji r-rikalkulazzjoni tal-istimi preċedentement ippreżentati tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar;
  - (d) jiġbor l-inventarju nazzjonali u jimplementa proċeduri ġenerali ta' kontroll tal-kwalità tal-inventarju f'konformità mal-pjan tagħhom ta' assurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità.
2. Bħala parti mill-preparazzjoni tal-inventarju tiegħu, kull Stat Membru għandu, meta jixraq:
  - (a) japplika proċeduri ta' kontroll tal-kwalità li jkunu speċifiċi għall-kategorija, għall-kategoriji ewlenin u għall-kategoriji individwali, meta jkunu saru reviżjonijiet metodoloġiċi u/jew ta' *data* sinifikanti, b'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarji tal-gassijiet serra;
  - (b) jipprevedi rieżami bażiku tal-inventarju minn parti terza indipendenti jew persunal mhux involut fl-iżvilupp tal-inventarju, qabel il-preżentazzjoni tal-inventarju, f'konformità mal-proċeduri ta' assurazzjoni tal-kwalità pplanati msemmija fl-Artikolu 27(1)(c);

- (c) jipprevedi rieżami aktar estensiv għall-kategoriji ewlenin u l-kategoriji fejn sehew bidliet sinifikanti fil-metodi;
- (d) abbażi tar-rieżamijiet skont l-MPLG għat-trasparenza u f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u evalwazzjonijiet perjodiċi interni tal-proċess ta' preparazzjoni tal-inventarju, jevalwa mill-ġdid il-proċess tal-ippjanar tal-inventarju sabiex jilħaq l-oġettivi ta' kwalità stabbiliti msemmija fl-Artikolu 27(1)(c) ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 29

### Ġestjoni tal-inventarju

1. Bħala parti mill-ġestjoni tal-inventarju tiegħu, kull Stat Membru għandu:
  - (a) kull sena għas-serje temporali rrappurtata, jarkivja l-informazzjoni tal-inventarju li tinkludi: il-fatturi tal-emissjoni diżaggregati kollha, id-*data* dwar l-attività, u d-dokumentazzjoni dwar kif dawn ġew iġġenerati u aggregati; id-dokumentazzjoni interna dwar proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, rieżamijiet esterni u interni, dokumentazzjoni dwar is-sorsi ewlenin annwali u identifikazzjoni tas-sorsi ewlieni u titjib tal-inventarju ppjanat.
  - (b) jipprovdi timijiet ta' rieżami skont l-MPLG għat-trasparenza u l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999 b'aċċess għall-informazzjoni arkivjata kollha użata mill-Istat Membru biex iħejji l-inventarju, filwaqt li jitqiesu r-regoli ta' kunfidenzjalità speċifiċi għall-pajjiż.
  - (c) iwieġeb għat-talbiet biex tiġi ċċarata l-informazzjoni tal-inventarju li tirriżulta mill-istadji differenti tal-proċessi ta' rieżami tal-informazzjoni tal-inventarju, u informazzjoni dwar is-sistema nazzjonali, fil-ħin.
2. Bħala parti mill-ġestjoni tal-inventarju tiegħu, kull Stat Membru għandu, meta jixraq, jagħmel il-ġbir ta' informazzjoni arkivjata faċilment aċċessibbli

#### KAPITOLU V

### IL-PROĊEDURA U L-ISKEDA GĦAT-TWETTIQ TAR-RIEŻAMI KOMPRESIV

#### Artikolu 30

### Proċedura għar-rieżami komprensiv

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, waqt li jwettqu r-rieżami komprensiv (jew ir-"rieżami") imsemmi fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999, għandhom jiġu megħjuna minn tim ta' rieżami magħmul minn esperti tekniċi u jsegwu l-proċedura kif stabbilit fl-Anness XXII.
2. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha twettaq il-kompiti segretarjali għar-rieżamijiet komprensivi kif speċifikat fl-Anness XXII.
3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tagħżel għadd suffiċjenti ta' esperti ta' rieżami biex ikopru s-setturi xierqa tal-inventarju. L-esperti tar-rieżami magħżula għandu jkollhom esperjenza fil-qasam tal-kompilazzjoni tal-inventarji tal-gassijiet serra u possibbilment ikunu attivi fi proċessi ta' rieżami ta' gassijiet serra. Esperti tekniċi li kkontribwew għall-kompilazzjoni ta' inventarju ta' gassijiet serra ta' Stat Membru individwali, jew li huma ċittadini ta' dak l-Istat Membru, ma għandhomx jieħdu sehem fir-rieżami ta' dak l-inventarju.
4. Ir-rieżamijiet komprensivi għandhom jiġu isiru abbażi tad-dokumentazzjoni jew b'mod ċentralizzat, kif speċifikat fl-Anness XXII. Barra minn hekk, iż-żjarat fil-pajjiż jistgħu jiġu organizzati fuq rakkomandazzjoni tat-tim ta' rieżami tal-esperti tekniċi u f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.
5. Il-verifiki skont l-Artikolu 38(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1999 għandhom jinkludu, meta jixraq, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XXII.

6. Il-verifiki msemmija fl-Artikolu 38(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1999 għandhom jinkludu, meta jixraq, eżami dettaljat tal-konsistenza tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kontabilizzati mar-regoli tal-Unjoni.

7. Ir-rieżamijiet komprensivi jistgħu jinkludu, jekk jagħti l-każ, kontrolli maħsuba biex jistabbilixxu jekk l-elementi għal titjib identifikati għal Stat Membru wieħed fl-ambitu tar-rieżamijiet tal-UNFCCC jew tal-Unjoni jistgħux jirrappreżentaw ukoll elementi ta' titjib għal Stati Membri oħra.

8. Ir-rieżami tal-inventarji tal-gassijiet serra għandu jsir b'mod konsistenti għall-Istati Membri kollha kkonċernati u b'mod oġġettiv.

#### Artikolu 31

##### **Korrezzjonijiet tekniċi**

1. Korrezzjoni teknika ta' stima ta' emissjoni għandha titqies meħtieġa fis-sens tal-Artikolu 38(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1999 jekk stima oġġla mill-valur reali jew stima iktar baxxa mill-valur reali taqbeż il-livell limitu ta' sinifikanza stabbilit skont l-Artikolu 2 ta dan ir-Regolament. Id-dettalji tal-korrezzjonijiet tekniċi huma speċifikati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.

2. Il-limitu ta' sinifikat għal fonti jew bir tal-karbonju jammonta għal 0,05 % tal-emissjonijiet nazzjonali totali ta' gassijiet serra ta' Stat Membru mingħajr LULUCF għas-sena tal-inventarju li jkun qed jiġi rivedut, jew ekwivalenti ta' 500 kt CO<sub>2</sub>, liema minnhom ikun l-iżgħar.

3. Bi tweġiba għal sejba mill-Kummissjoni kkomunikata lil Stat Membru matul ir-rieżami, l-Istat Membru jista' jitlob bidla fl-istimi tiegħu tal-emissjonijiet jew tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kontabilizzati billi jipprovdi stimi riveduti. Jekk stima riveduta titqies xierqa mit-tim ta' rieżami tekniċi, din għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 32 flimkien ma' ġustifikazzjoni.

#### Artikolu 32

##### **Ir-rapporti finali tar-rieżami**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar it-tmim tar-rieżami komprensiv u tipprovdi lill-Istat Membru b'rapport ta' rieżami finali sat-30 ta' Awwissu 2027 u sat-30 ta' Awwissu 2032 rispettivament.

#### Artikolu 33

##### **Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom:

- (a) jipparteċipaw fir-rieżami skont l-iskeda stabbilita fl-Anness XXII;
- (b) jaħtru punt ta' kuntatt Nazzjonali għar-rieżami tal-Unjoni;
- (c) jieħdu sehem u jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' żjara fil-pajjiż, jekk ikun meħtieġ;
- (d) jagħtu tweġibiet u informazzjoni addizzjonali u jikkumentaw dwar ir-rapporti ta' rieżami kif rilevanti.

2. Fuq talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tinkludi kummenti dwar is-sejbiet tar-rieżami fir-rapport ta' rieżami finali msemmi fl-Artikolu 32.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar il-kompożizzjoni tat-tim ta' esperti tekniċi ta' rieżami magħżula skont l-Artikolu 30.

*Artikolu 34***Skeda għar-rieżamijiet komprensivi**

Ir-rieżamijiet komprensivi u annwali għandhom jitwettqu skont l-iskedi stabbiliti fl-Anness XXII.

## KAPITOLU VI

**POLITIKI U MIŻURI U PROJEZZJONIJIET***Artikolu 35***Proċessi ta' preżentazzjoni għar-rappurtar**

L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u l-għodod u l-mudelli relatati tal-Kummissjoni, assistiti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1999, għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni skont dan il-Kapitolu.

*Artikolu 36***Rappurtar tas-sistemi nazzjonali għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-deskrizzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom għar-rappurtar tal-politiki u l-miżuri, jew il-gruppi ta' miżuri, u l-projezzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-format stabbilit fl-Anness XXIII ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 37***Rappurtar tal-politiki u l-miżuri nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali tagħhom, jew dwar il-gruppi ta' miżuri tagħhom, imsemmija fil-punt (c) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-formati stabbiliti fl-Anness XXIV ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni li ġeja f'format testwali:
  - (a) l-aġġornamenti rilevanti għall-istrateġiji fit-tul tagħhom imsemmija fil-punt (b) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/1999;
  - (b) il-politiki u l-miżuri addizzjonali ppjanati msemmija fil-punt (d) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/1999;
  - (c) ir-rabtiet bejn politiki u miżuri differenti u l-kontribut ta' dawk il-politiki u l-miżuri għal xenarji ta' projezzjoni differenti, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/1999.

*Artikolu 38***Rappurtar tal-projezzjonijiet nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni dwar il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar, mqassma skont il-gass jew il-grupp ta' gassijiet, imsemmija fl-Artikolu 18(1)(b) u l-punt (a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-format stabbilit fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali dwar il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar imsemmija fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'format testwali, li tispeċifika:
  - (a) ir-riżultati tal-projezzjonijiet għall-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra, l-emissjonijiet koperti mir-Regolament (UE) 2018/842 u d-Direttiva 2003/87/KE rispettivament, u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar projettati skont ir-Regolament (UE) 2018/841, skont il-punt (b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/1999;



- (b) ir-riżultati tal-analiżi tas-sensittività mwettqa skont il-punt (d) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/1999;
- (1) għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra rrapportati, flimkien ma' spjegazzjoni qasira dwar liema parametri kienu varjati u kif;
- (2) maqsuma skont l-emissjonijiet totali koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mir-Regolament (UE) 2018/842 rispettivament u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar projettati skont ir-Regolament (UE) 2018/841, meta tali informazzjoni tkun disponibbli;
- (c) is-sena tad-*data* tal-inventarju (sena bażi) u s-sena tar-rapport tal-inventarju użati bħala punt ta' tluq għall-projezzjonijiet;
- (d) il-metodoloġiji użati għall-ipprojettar, inkluż deskrizzjoni qasira tal-mudelli użati u l-kopertura settorjali, ġeografika u temporali tagħhom, referenzi għal aktar informazzjoni dwar il-mudelli u informazzjoni dwar is-sorsi ta' *data*, is-suppożizzjonijiet eżoġeni ewlenin u dwar il-parametri użati; skont il-punt (e) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/1999.

3. Fir-rapporti dwar il-projezzjonijiet li jridu jiġu pprovduti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom iqisu l-valuri armonizzati għal parametri ewlenin għall-projezzjonijiet — għall-inqas għall-prezzijiet tal-importazzjoni taż-żejt, tal-gass u tal-faħam kif ukoll għall-prezzijiet tal-karbonju skont is-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE — li l-Kummissjoni rakkomandat, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tnaqqas il-xahar qabel id-*data* ta' skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapporti.

## KAPITOLU VII

### DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

#### Artikolu 39

##### **Tħassir**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 749/2014 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 40

##### **Dispożizzjoni tranżizzjonali**

B'deroga mill-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 3 sa 18 u 27 sa 43 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 749/2014 għandhom ikompli japplikaw għar-rapporti li jkun fihom id-*data* meħtieġa għas-snin 2019 u 2020.

#### Artikolu 41

##### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

**Informazzjoni dwar azzjonijiet ta' adattament nazzjonali skont l-Artikolu 4**

1. Ċirkostanzi nazzjonali, impatti, vulnerabbiltajiet, riskji u kapaċità ta' adattament <sup>(1)</sup>
  - 1.1 Ċirkostanzi nazzjonali rilevanti għall-azzjonijiet ta' adattament:
    - a) il-karatteristiċi bijoġeofiziċi;
    - b) id-demografija;
    - c) l-ekonomija u l-infrastruttura.
  - 1.2 Qafas ta' monitoraġġ u ta' mudellar:
    - a) l-attivitajiet ewlenin dwar il-monitoraġġ, il-mudellar, il-projezzjonijiet u x-xenarji tal-klima;
    - b) l-approċċi, il-metodoloġiji u l-għodod ewlenin, u l-inċertezzi u l-isfidi assoċjati magħhom.
  - 1.3 Valutazzjoni tal-impatti, il-vulnerabbiltà u r-riskji tal-klima, inkluż il-kapaċità ta' adattament:
    - a) ħarsa ġenerali lejn il-perikli klimatiċi osservati fost dawk elenkati fit-Tabella 1 <sup>(2)</sup> u l-perssonijiet eżistenti <sup>(3)</sup>;
    - b) l-identifikazzjoni tal-perikli klimatiċi ewlenin futuri minn fost dawk elenkati fit-Tabella 1 u s-setturi ewlenin affettwati <sup>(4)</sup>.

Tabella 1 - Klassifikazzjoni tal-perikli relatati mal-klima <sup>(5)</sup>

	Relatati mal-klima	Relatati mar-riħ	Relatati mal-ilma	Relatati ma' massa solida
Kroniċi	Tibdil fit-temperatura (arja, ilma ħelu, ilma baħar)	Tibdil fix-xejriet tar-riħ	Tibdil fix-xejriet u fit-tipi ta' preċipitazzjoni (xita, silġ, borra/silġ)	Erożjoni kostali
			Preċipitazzjoni jew varjabbiltà idroloġika	Degradazzjoni tal-ħamrija (inkluża d-deżertifikazzjoni)
	Varjabbiltà tat-temperatura		Aċidifikazzjoni tal-oċeani	Erożjoni tal-ħamrija
	Taħlil tal-permafrost		Intrużjoni salina	Soliflussjoni
			Żieda fil-livell tal-baħar	
			Bidla fil-kisja tas-silġ fuq il-baħar	
			Skarsezza tal-ilma	

<sup>(1)</sup> "Kapaċità ta' adattament" kif definita fil-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC AR5): "L-abbiltà tas-sistemi, l-istituzzjonijiet, il-bnedmin u organiżmi oħra li jaġġustaw għall-ħsara potenzjali, jaħtfu l-opportunitajiet, jew jirreaġixxu għall-konsegwenzi."

<sup>(2)</sup> Il-lista mhijiex eżawrjenti.

<sup>(3)</sup> L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-perssonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali eżistenti li x'aktarx ikunu affettwati sew mit-tibdil fil-klima: eż. it-telfien tal-bijodiversità, il-ħsad batut, il-faqar enerġetiku, il-qgħad, il-migrazzjoni.

<sup>(4)</sup> L-Istati Membri għandhom jaġġu s-setturi ewlenin fost dawn li ġejjin: l-agrikoltura u l-ikel, il-bijodiversità (inklużi l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema), il-bini, iż-żoni kostali, il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tal-emerġenzi, l-enerġija, il-finanzi u l-assigurazzjoni, il-forestrija, is-saħħa, is-settur marittimu u s-sajd, it-trasport, is-settur urban u l-ġestjoni tal-ilma, l-ICT (It-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni), l-ippjanar tal-użu tal-art, in-negożju, l-industrija, it-turiżmu, l-iżvilupp rurali, oħrajn [jekk jogħġbok speċifika].

<sup>(5)</sup> Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll l-effetti sekondarji ta' dawn il-perikli, bħan-nirien fil-foresti, it-tixrid ta' speċijiet invażivi u mard tropikali, l-effetti kaskata, u l-perikli multipli li jseħħu fl-istess ħin.

	Relatati mal-klima	Relatati mar-riħ	Relatati mal-ilma	Relatati ma' massa solida
Aktivi	Mewġa ta' sħana	Ċiklun	Nixfa	Valanga
	Mewġa kiesħa/ġlata	Maltempata (inklużi burraxki tal-borra, maltempati tat-trab jew tar-ramel)	Preċipitazzjoni qawwiya (xita, silġ, borra/silġ)	Frana
	Nar forestali	Tornado	Għarar (kostali, fluvjali, tax-xita, ta' taħt l-art, għall-għarrieda)	Ċediment
			Piż tal-borra u tas-silġ	
			Kollass ta' lagi glaċjali	

c) Għal kull settur ewlieni affettwat, ħarsa ġenerali lejn dan li ġej, ikklassifikat fuq skali kwalitattivi ta' għoli/medju/baxx/mhux applikabbli, bi spjegazzjoni kif xieraq <sup>(6)</sup>:

- i. l-impatti osservati tal-perikli ewlenin, inklużi l-bidliet fil-frekwenza u fid-daqs;
- ii. il-probabbiltà tal-okkorrenza ta' perikli ewlenin, u l-esponiment għalihom fil-klima tal-futur, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli tal-immudellar tal-klima;
- iii. il-vulnerabbiltà, inkluża l-kapaċità ta' adattament;
- iv. ir-riskju tal-impatti futuri potenzjali.

## 2. Oqfsa legali u ta' politika u arranġamenti istituzzjonali

2.1 Oqfsa u regolamenti legali u ta' politika, li jinkludu l-Istrateġiji Nazzjonali tal-Adattament (NAS), il-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali (NAP) <sup>(7)</sup> u kull pjan ta' adattament settorjali.

2.2. Ħarsa ġenerali lejn l-arranġamenti istituzzjonali u ta' governanza fil-livell nazzjonali għal dawn li ġejjin:

- a) il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u r-riskji tal-klima;
- b) l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-politika ta' adattament <sup>(8)</sup>;
- c) l-integrazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima u tar-reżiljenza fi proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali;
- d) il-ġbir, is-sjeda u l-użu mill-ġdid tad-*data* rilevanti (bħal *data* dwar it-telf minn diżastri relatati mal-klima u *data* dwar ir-riskju) u l-aċċess għaliha;
- e) l-integrazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima u tal-ippjanar tal-adattament fl-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri u vice versa <sup>(9)</sup>.

2.3. Ħarsa ġenerali lejn l-arranġamenti istituzzjonali u ta' governanza fil-livell sottonazzjonali <sup>(10)</sup> għal:

- a) ir-reqwiziti legali u d-dokumenti strateġiċi;
- b) in-netwerks jew kollaborazzjonijiet oħra dwar l-adattament bejn l-awtoritajiet nazzjonali;
- c) eżempji ta' prattiki tajba ta' netwerks jew kollaborazzjonijiet oħra dwar l-adattament bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

<sup>(6)</sup> L-analiżi deskritta fil-punti (i) sa (iv) għandha tuża l-aqwa xjenza disponibbli għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-aħħar gwida tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-klima tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni.

<sup>(7)</sup> L-Istati Membri għandhom jirrapportaw it-titlu, is-sena tal-adozzjoni u l-istatus [sospiż / adottat / lest u ppreżentat għall-adozzjoni / fi żvilupp] ta' kull NAS u NAP.

<sup>(8)</sup> L-aspetti li għandhom jitqiesu jinkludu t-teħid ta' deċiżjonijiet, l-ippjanar u l-koordinazzjoni rigward l-istrateġiji ta' adattament, il-politiki, il-pjanijiet u l-għanijiet, l-indirizzar ta' kwistjonijiet trasversali, l-aġġustament tal-prijoritajiet u tal-attivitatijiet, l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' adattament, inkluż l-iffaċilitar tal-azzjoni biex jiġi evitat, jitnaqqas u jiġi indirizzat l-effett negattiv tat-tibdil fil-klima.

<sup>(9)</sup> Dan jinkludi l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924)

<sup>(10)</sup> Fl-Anness kollu, "sottonazzjonali" tirreferi għal-livell lokali u reġjonali.

### 3. *Strateġiji, politiki, pjanijiet u għanijiet ta' adattament*

#### 3.1 *Prijoritajiet ta' adattament*

#### 3.2 *Sfidi, lakuni u ostakli għall-adattament* <sup>(11)</sup>

#### 3.3 *Sommarji tal-istrateġiji, il-politiki, il-pjanijiet u l-isforzi nazzjonali, b'enfasi fuq l-għanijiet u l-obiettivi, l-azzjonijiet previsti* <sup>(12)</sup>, il-baġit u l-iskeda ta' żmien <sup>(13)</sup>

#### 3.4 *Ħarsa ġenerali lejn il-kontenut tal-istrateġiji, il-politiki, il-pjanijiet u l-isforzi sottonazzjonali*

#### 3.5 *Ħarsa ġenerali lejn l-isforzi biex l-adattament għat-tibdil fil-klima jiġi integrat fil-politiki, fil-pjanijiet, u fil-programmi settorjali, inkluż fl-istrateġiji u fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri*

#### 3.6 *Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati*

Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri fil-politika ta' adattament fil-livell nazzjonali u eżempji ta' prattiki tajba mil-livelli sottonazzjonali għall-involviment:

- a) mal-partijiet ikkonċernati li huma partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima;
- b) mas-settur privat <sup>(14)</sup>.

### 4. *Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-azzjonijiet u l-proċessi ta' adattament*

#### 4.1. *Metodoloġija ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni* <sup>(15)</sup> marbuta ma':

- a) it-tnaqqis tal-impatti, il-vulnerabbiltà u r-riskji tal-klima, u ż-żieda tal-kapaċità ta' adattament;
- b) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' adattament.

#### 4.2 *Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati fil-punti 3.3 sa 3.6, inkluż ħarsa ġenerali lejn il-livell sottonazzjonali u l-iżborż ta' finanzjament biex tiżdied ir-reżiljenza klimatika. Ir-rapportar dwar il-finanzjament għandu jkopri:*

- a) l-infiq allokat għall-adattament għall-klima inkluż fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;
- b) sa fejn ikun possibbli, is-sehem tal-infiq użat biex jappoġġa l-adattament tal-klima <sup>(16)</sup> f'kull settur <sup>(17)</sup>.

#### 4.3 *Evalwazzjoni tal-progress lejn dan li ġej* <sup>(18)</sup>:

- a) it-tnaqqis tal-impatti, il-vulnerabbiltajiet u r-riskji tal-klima;
- b) iż-żieda tal-kapaċità ta' adattament;
- c) l-issodisfar tal-prijoritajiet ta' adattament;
- d) l-indirizzar tal-ostakli għall-adattament.

<sup>(11)</sup> Inklużi dawk l-ostakli istituzzjonali, relatati mal-governanza u ostakli oħra li jirrestrinġu l-kapaċità ta' adattament kif identifikata fil-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.

<sup>(12)</sup> Inklużi soluzzjonijiet u azzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jwasslu għal kobenefiċċji ta' mitigazzjoni u kobenefiċċji rilevanti oħra

<sup>(13)</sup> Is-sommarji għandhom ikopru wkoll l-isforzi biex tinbena r-reżiljenza u jiġu evitati, imnaqqsa u indirizzati l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima, u għandhom jinkludu spjegazzjoni dwar kif tqiesu l-perspettivi tal-ġeneru.

<sup>(14)</sup> L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-investiment f'azzjonijiet ta' adattament mis-setturi li ġejjin: l-agrikoltura u l-ikel, il-bijodiversità (inklużi l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema), il-bini, iż-żoni kostali, il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tal-emerġenzi, l-enerġija, il-finanzi u l-assigurazzjoni, il-forestrija, is-saħħa, is-settur marittimu u s-sajd, it-trasport, is-settur urban u l-ġestjoni tal-ilma, l-ICT (It-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni), l-ippjanar tal-użu tal-art, in-negozju, l-industrija, it-turiżmu, l-iżvilupp rurali; oħrajn [jekk jogħġbok speċifika].

<sup>(15)</sup> L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-approċċi, is-sistemi użati, it-trasparenza u l-indikaturi.

<sup>(16)</sup> L-investiment addizzjonali li jagħmel proġett (li xorta waħda kien se jiġi realizzat) reżiljenti għall-klima.

<sup>(17)</sup> L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-investiment f'azzjonijiet ta' adattament mis-setturi li ġejjin: l-agrikoltura u l-ikel, il-bijodiversità (inklużi l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema), il-bini, iż-żoni kostali, il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tal-emerġenzi, l-enerġija, il-finanzi u l-assigurazzjoni, il-forestrija, is-saħħa, is-settur marittimu u s-sajd, it-trasport, is-settur urban u l-ġestjoni tal-ilma, l-ICT (It-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni), l-ippjanar tal-użu tal-art, in-negozju, l-industrija, it-turiżmu, l-iżvilupp rurali; oħrajn [jekk jogħġbok speċifika].

<sup>(18)</sup> Abbażi tal-metodoloġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kif irrapportat fil-punt 4.1.

- 4.4 Passi li ttieħdu biex jiġu rieżaminati u aġġornati dawn li ġejjin:
- il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u tar-riskji;
  - il-politiki, l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-miżuri ta' adattament nazzjonali.
- 4.5 Ħarsa ġenerali lejn il-prattiki tajba fir-rigward tal-passi meħuda biex jiġu riveduti u aġġornati l-pjanijiet, il-politiki, l-istrateġiji u l-miżuri ta' adattament sottonazzjonali.
5. *Kooperazzjoni, Prattiki tajba, sinerġiji, esperjenza u tagħlimiet miksuba fil-qasam tal-adattament*
- 5.1 Prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda, inkluż fil-livell sottonazzjonali <sup>(19)</sup>
- 5.2 Sinerġiji tal-azzjonijiet ta' adattament ma' oqfsa u/jew konvenzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri
- 5.3 Kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni, kooperazzjoni internazzjonali mal-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali <sup>(20)</sup>:
- il-kooperazzjoni biex tiġi kondiviża l-informazzjoni u jissaħħu x-xjenza, l-istituzzjonijiet u l-għarfien dwar l-adattament;
  - il-kooperazzjoni biex tissaħħaħ l-azzjoni ta' adattament fil-livell sottonazzjonali, nazzjonali, makroreġjonali u internazzjonali, inkluż iż-żona, l-iskala u t-tipi ta' kooperazzjoni.
6. *Kull informazzjoni oħra relatata mal-impatti u l-adattamenti għat-tibdil fil-klima*
- 6.1 Dettalji tal-kuntatt prinċipali tal-koordinatur u tal-organizzazzjoni nazzjonali
- 6.2 Siti web rilevanti u sorsi tal-midja soċjali li jintużaw għall-komunikazzjoni dwar l-azzjoni ta' adattament fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, kif xieraq
- 6.3 Rapporti ewlenin u pubblikazzjonijiet fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali
- 6.4 Kull informazzjoni oħra rilevanti.

---

<sup>(19)</sup> L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw dwar il-prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda mill-oqsma li ġejjin, fejn rilevanti: l-attivitatiet u l-metodoloġiji tal-immudellar tal-klima; il-valutazzjoni tal-impatti, tal-vulnerabbiltà u tar-riskji marbuta mat-tibdil fil-klima, inkluż il-kapaċità ta' adattament; l-arranġamenti istituzzjonali u ta' governanza fil-livell nazzjonali; il-bidliet regolatorji u ta' politika; il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni; il-prijoritajiet ta' adattament; l-ostakli ta' adattament; l-għanijiet, l-oġettivi, l-intrapriżi, l-isforzi, l-istrateġiji, il-politiki u l-pjanijiet ta' adattament; l-isforzi biex l-adattament għat-tibdil fil-klima jiġi integrat fil-politiki, fil-pjanijiet u fil-programmi settorjali; l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-adattament għall-klima; l-integrazzjoni tal-għarfien indiġeni, tradizzjonali u lokali fl-adattament għall-klima; l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; il-komunikazzjoni tar-riskji klimatiċi; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; it-tisħiħ tar-riċerka xjentifika u l-għarfien; it-tnaqqis u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, is-soluzzjonijiet ta' adattament innovattivi, u l-mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi.

<sup>(20)</sup> Minbarra l-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw imsemmija fil-Parti 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999.

## ANNEX II

## Informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkant skont l-Artikolu 5

Tabella 1a: Dħul mill-irkant tal-kwoti fis-sena X-1

1	A	L-ammont għas-sena X-1		Kummenti (eż. spjega l-lakuni, iċ-ċirkostanzi nazzjonali rilevanti, il-bidliet mill-aħħar rapportat sal-lum)
		EUR 1 000	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>	
2				
3	A	B	C	D
4	<b>Ammont totali ta' dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti (is-somma tar-ringieli 5 u 6)</b>	Is-somma ta' B5+B6	Is-somma ta' C5+C6	
5	Li minnhom l-ammont tad-dħul mill-irkant tal-kwoti skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE			
6	Li minnhom l-ammont tad-dħul mill-irkant tal-kwoti skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE			

Noti:

<sup>(1)</sup> Għall-konverżjoni tal-munita għandha tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.



Tabella 1b: L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti fis-sena X-1

1	L-ammont totali żborżat fis-sena X-1	Li minnu hemm ammont żborżat fis-sena X-1 u rrapportat bħala impenjat fis-snin qabel X-1		L-ammont totali impenjat, iżda mhux żborżat, fis-sena X-1		Il-valur finanzjarju ekwivalenti użat fis-sena X-1 <sup>(2)</sup>		Kummenti (eż. spjega l-lakuni, iċ-ċirkostanzi nazżjonali rilevanti, il-bidliet mill-aħħar rrapportat sal-lum)		
		1 000 EUR	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>	1 000 EUR	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>	1 000 EUR	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>			
2		B	C	D	E	F	G	H	I	J
3	A									
4	<b>L-ammont totali ta' dħul mill-irkant tal-kwoti jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju użata għall-finijiet</b> imsemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 10, u fl-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE									
5	Li minnhom l-ammont ta' dħul mill-irkant tal-kwoti użat għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE (jekk id-data tkun disponibbli għal rrapportat separat)									
6	Li minnhom l-ammont ta' dħul mill-irkant tal-kwoti użat għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE (jekk id-data tkun disponibbli għal rrapportat separat)									

Nota: x = is-sena ta' rrapportat

Noti:

<sup>(1)</sup> Għall-konverżjoni tal-munita trid tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.<sup>(2)</sup> Billi jirrapportaw "valur finanzjarju ekwivalenti", l-Istati Membri jkun qad jirrapportaw valuri li huma rappreżentattivi tal-infiq tagħhom f'konformità mal-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE, u jindikaw li l-valuri kollha rrapportati fit-Tabelli 2 sa 6 jirrappreżentaw ukoll valur finanzjarju ekwivalenti.

Tabella 2: L-użu tad-dħul mill-irkanti tal-kwoti għall-finijiet domestiċi jew tal-Unjoni skont l-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE

1	L-għan li għalih intuża d-dħul	Deskrizzjoni qasira	L-ammont għas-sena X-1	L-istatus <sup>(2)</sup>	Id-dħul skont [immarka l-kolonna rilevanti]	It-tip ta' użu <sup>(3)</sup>	Strument finanzjarju <sup>(4)</sup>	L-Aġenzija tal-Implementazzjoni	Kummenti		
2	eż. isem il-programm, l-attività, l-azzjoni jew il-proġett	Inkluż ir-riferenza għal sors online b'deskrizzjoni aktar dettaljata, jekk disponibbli	1 000 EUR	Impenjati (iżda mhux żborżati)/ żborżati	L-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE	Aġenzjalit- tip ta' użu kif deskritt fid-Direttiva 2003/87/KE	Aġenzjalit- tip ta' appoġġ fiskali, politika ta' appoġġ finanzjarju, politika regolatorja domestika li timmobilizza l-appoġġ finanzjarju, oħra	(eż. il-ministeru responsabbli)	eż. spjega l-akuni, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli		
3	A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
4											
5											
(Żid ir-ringieli skont il-b'żonn)											
6	<b>L-ammont totali tad-dħul jew il-valur finanzjarju ekwivalenti li ntuża</b>		Is-somma tal-kolonna C	Is-somma tal-kolonna D							

Nota: x = is-sena ta' rapportar

Noti:

<sup>(1)</sup> Għall-konverżjoni tal-munita trid tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.<sup>(2)</sup> Bħala parti mir-rapport tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet li ntużaw għal "impenji" u "żborż". Jekk parti mill-ammont irrapportat tkun impenjata u parti oħra żborżata b'raba ma' programm/proġett speċifiku, jenħteġ jintużaw żewġ ringieli separati. Jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn l-ammonti impenjati u żborżati, jenħteġ tintgħażel l-aktar kategorija xierqa għall-ammonti irrapportati. Fit-Tabelli kollha jenħteġ jintużaw definizzjonijiet konsistenti.<sup>(3)</sup> Ġeneralment, id-dħul "impenjat" mill-irkanti huwa dak li jkun għe impenjat legalment biex jintuża għal skopjiet ta' klima u enerġija, iżda f'xi każijiet jaf ma jkunx għadu ntuża fil-ħin tar-rapportar. Id-dħul "żborżat" mill-irkanti huwa dak li jkun intnefaq fil-ħin tar-rapportar. Madankollu, f'xi każijiet, "impenji" tista' tirreferi għad-dħul li huwa pplanat li jintuża b' mod preliminarj biss, u "żborż" tirreferi għad-dħul li għe trasferit lil Aġenzija tal-Istat speċifika għal skop speċifiku, jew lil gvern reġjonali.<sup>(4)</sup> Il-kategoriji tal-użu msemmija fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE kif ġej:

- il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp u l-proġetti ta' dimostrazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-adattament;
- il-finanzjament ta' inizjattivi fil-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija u l-Pjattaforni Teknoloġiċi Ewropej;
- l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex jintlaħaq l-impenn tal-Unjoni;

- l-iżvilupp ta' teknoloġiji oħra li jgħinu fil-bidla lejn ekonomija b'karbonju baxx, sikura, u sostenibbli;
- l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jgħinu jissodisfaw l-impenn tal-Unjoni li żżid l-effiċjenza enerġetika;
- is-sekwestru tal-karbonju bil-forestrija fl-Unjoni;
- il-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO<sub>2</sub> b'mod li jkunu sikuri għall-ambjent;
- it-tħeġġiġ tal-bidla għal trasport b'emissjonijiet baxxi u għal forum pubbliċi tat-trasport;
- il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp fl-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji nodfa;
- il-miżuri maħsuba biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-insulazzjoni jew biex jingħata appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju;
- il-kopertura tal-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni tal-EU ETS;
- il-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema biex jikkontribwixxu għal tranżizzjoni għal tranżizzjoni għusta lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju;
- tnaqqis ieħor fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
- adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima;
- użi domestiċi oħra.

Il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, iżda aktar speċifikament fl-Artikolu 10(3) kif ġej:

- il-finanzjament ta' proġetti komuni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tal-avjazzjoni;
- il-miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.

Fdin it-Tabella, l-Istati Membri għandhom jevitaw li l-ammonti jingħaddu darbejn. Jekk użu speċifiku jgħodd għal diversi tipi ta' użi, jistgħu jingħażlu bosta tipi; iżda l-ammont indikat m'għandux jiġi moltiplikat. Minflok, dik l-entrata waħdanija għal dak l-ammont għandha tintrabat ma' ringieli addizzjonali għat-tipi ta' użi.

(<sup>4</sup>) Jekk għall-programm jew il-proġett irrapportat hemm bosta strumenti finanzjarji rilevanti, jistgħu jintgħażlu bosta kategoriji.

Tabella 3: L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti għal finijiet internazzjonali

1	L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju għall-finijiet internazzjonali <sup>(3)</sup>	L-ammont impenjat fis-sena X-1 <sup>(2)</sup>			L-ammont żborżat fis-sena X-1 <sup>(2)</sup>		Kummenti
		1 000 EUR	1 000 Munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>	1 000 EUR	1 000 Munita domestika, fejn japplika <sup>(1)</sup>		
2	A	B	C	E	F	G	eż. spjega l-akumi, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi, jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli, u aghi kull informazzjoni oħra li takkumpanjaha <sup>(2)</sup>
3		<input type="checkbox"/>					
4	L-ammont totali użat kif jispeċifikaw l-Artikoli 10(3) u 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal <b>appoġġ lil pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw</b>	<input type="checkbox"/>					
5	L-ammont totali użat kif jispeċifikaw l-Artikoli 10(3) u 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal <b>appoġġ lil pajjiżi li qed jiżviluppaw</b>	<input type="checkbox"/>					

Nota: x = is-sena ta' rapportar

Noti:

<sup>(1)</sup> Għall-konverżjoni tal-munita għandha tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.<sup>(2)</sup> Bħala parti mir-rapport tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet li ntużaw għal "impenn" u "żborż". Jekk parti mill-ammont irrapportat tkun impenjata u parti oħra żborżata b'rabta ma' programmi/proġetti speċifiku, jenħtieġ jintużaw żewġ ringieli separati. Jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn l-ammonti impenjati u daww żborżati, jenħtieġ tintgħażel il-kategorija xierqa għall-ammonti rrapportati. Fit-Tabelli kollha jenħtieġ jintużaw definizzjonijiet konsistenti.<sup>(3)</sup> F'din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jevitaw li l-ammonti jinġhadu darbejn. Jekk użu speċifiku jgħodd għal diversi ringieli, għandu jintgħażel l-aktar wieħed xieraq u l-ammont rispettiv għandu jiddaħħal darba biss. Jekk ikun hemm b'żonn, l-informazzjoni testwali ta' akkumpanjament tista' tkompli tispjega dawn id-deċiżjonijiet ta' allokkazzjoni.

Tabella 4: L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti biex jgħin lill-pajjiżi li qed jivviluppaw permezz ta' kanali multilaterali skont l-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE<sup>(1)</sup> (2)

1	L-ammont għas-sena X-1	L-istatus <sup>(4)</sup>	It-tip ta' appoġġ <sup>(5)</sup>	L-istrument finanzjarju <sup>(6)</sup>	Is-settur <sup>(7)</sup>	Kummenti
2	1 000 EUR	1 000 Munita Domestika <sup>(3)</sup>	Agħżel: mitigazzjoni, adattament, trasversali, oħrajn, informazzjoni mhux disponibbli	Agħżel: għotja, self aġevolanti, self mhux aġevolanti, ekwità, oħrajn, informazzjoni mhux disponibbli	Agħżel: enerġija, trasport, industrija, agrikoltura, forestrija, ilma, sanitazzjoni, trasversali, oħrajn, m'hemmx informazzjoni disponibbli	eż. spjega l-lakuni, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli u kull informazzjoni oħra li takkumpanjaha
3	B	C	E	G	H	I
4	Is-somma tal-Kolonna B	Is-somma tal-Kolonna C	<input type="checkbox"/>			
5			<input type="checkbox"/>			
6			<input type="checkbox"/>			
7			<input type="checkbox"/>			
8			<input type="checkbox"/>			
9			<input type="checkbox"/>			
10			<input type="checkbox"/>			
11			<input type="checkbox"/>			
12			<input type="checkbox"/>			
13			<input type="checkbox"/>			

	A	B	C	D	E	F	G	H	I
3									
14	li minnhom intużat parti, fejn japplika, permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali			<input type="checkbox"/>					
15	Il-Fond għall-Ambjent Dinji			<input type="checkbox"/>					
16	Il-Bank Dinji <sup>(6)</sup>			<input type="checkbox"/>					
17	Il-Korporazzjoni Internazzjonali tal-Finanzi <sup>(8)</sup>			<input type="checkbox"/>					
18	Il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp <sup>(8)</sup>			<input type="checkbox"/>					
19	Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Iżvilupp <sup>(8)</sup>			<input type="checkbox"/>					
20	Il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp <sup>(8)</sup>			<input type="checkbox"/>					
21	Istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali oħra jew programmi ta' appoġġ speċifika <sup>(8)</sup>			<input type="checkbox"/>					

Nota: x = is-sena ta' rapportar

Noti:

- (1) F din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jevitaw li l-ammonti jingħaddu darbtejn. Jekk użu speċifiku jgħodd għal diversi ringieli, għandu jintgħażel l-aktar wieħed xieraq u l-ammont rispettiv għandu jiddaħħal darba biss. Jekk ikun hemm bżonn, l-informazzjoni testwali ta' akkumpanjament tista' tkompli tispjega dawn id-deċiżjonijiet ta' allokkazzjoni
- (2) L-ispejga "M'hemmx informazzjoni disponibbli" tista' tintuża jekk ma tkun teżisti l-ebda informazzjoni għaċ-ċelloli rispettivi.
- (3) Għall-konverżjoni tal-munita għandha tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.
- (4) Għandha tingħata informazzjoni dwar l-istatus, meta din tkun disponibbli fl-il-wieġ diżaggregat. Bħala parti mir-rapport taqgħom, l-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu d-definizzjonijiet li ntużaw għal "impenn" u "żborż". Jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn l-ammonti impenjati u daww żborżati, jenħtieġ tingħażel il-kategorija xierqa għall-ammonti rapportati.
- (5) Din l-informazzjoni għandha tiġi rapportata jekk tkun disponibbli għal fond jew banek multilaterali. "M'hemmx informazzjoni disponibbli" jenħtieġ tingħażel biss jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għar-ringiela rispettiva.
- (6) Għandu jintgħażel l-istrument finanzjarju xieraq. Jekk għall-ringiela rispettiva hemm bosta strumenti finanzjarji rilevanti, jenħtieġ jintgħażlu bosta kategoriji. L-għojjiet li l-aktar jingħataw huma li istituzzjonijiet multilaterali u haġna drabi kategoriji oħra ma jkunux japplikaw. Madankollu għall-konsistenza mar-rekwiżiti tar-rapportar tar-rapporti biennali skont l-UNFCCC, jintużaw aktar kategoriji. "M'hemmx informazzjoni disponibbli" jenħtieġ tingħażel biss jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għar-ringiela rispettiva.
- (7) Jistgħu jintgħażlu bosta setturi applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw tqassim settorjali jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli. "M'hemmx informazzjoni disponibbli" jenħtieġ tingħażel biss jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għar-ringiela rispettiva.
- (8) Jenħtieġ li, f din it-tabella, jiddaħħal biss l-appoġġ finanzjarju mogħti li jkun speċifiku għall-klima bħal pereżempju dak indikat bl-indikaturi CDC DAC.



Tabella 5: L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kvoti skont l-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE għal appoġġ bilaterali jew reġjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>

1	Il-programm, l-attività, l-azzjoni jew il-proġett	Il-pajjiż/reġjun riċevitur	L-ammont għas-sena X-1		L-istatus <sup>(4)</sup>	It-tip ta' appoġġ <sup>(5)</sup>	Is-settur <sup>(6)</sup>	L-istrument finanzjarju <sup>(7)</sup>	L-Aġenzija tal-Implementazzjoni	Kummenti	
2			1 000 EUR	1 000 Munita domestika <sup>(3)</sup>	Agħżel: Impenjat/ żborżat	Agħżel: Mitigazzjoni, Adattament, REDD+, Trasversali, Oħrajn, m'hemmx informazzjoni disponibbli	Agħżel: enerġija, trasport, industrija, agrikoltura, forestrija, ilma u sanitazzjoni, trasversali, oħrajn, m'hemmx informazzjoni disponibbli	Agħżel: għotja, self aġevolanti, self mhux aġevolanti, ekwità, investimenti diretti tal-proġetti, fondi tal-investiment, politiki ta' appoġġ fiskali, politiki ta' appoġġ finanzjarju, oħrajn, m'hemmx informazzjoni disponibbli	eż. ministeru tal-gvern	eż. spjega l-akuni, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli u kull informazzjoni oħra li takkumpanjaha	
3	A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
4					Agħżel entrata.	Agħżel entrata.	Agħżel entrata.	Agħżel entrata.			
(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)											
5	L-ammont totali ta' appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' kanali bilaterali jew appoġġ reġjonali		Is-somma tal-Kolonna D	Is-somma tal-Kolonna D	<input type="checkbox"/>						

Nota: x = is-sena ta' rapportar

Noti:

<sup>(1)</sup> F'din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jevitaw li l-ammonti jingħaddu darbejn. Jekk iġġoddu użu speċifiku għal diversi ringieli, għandu jintgħażel l-aktar wieħed xieraq u l-ammont rispettiv għandu jiddaħħal darba biss. Jekk ikun hemm bżonn, l-informazzjoni testwali ta' akkumpanjament tista' tkompli tispjega dawn id-deċiżjonijiet ta' allokkazzjoni.

<sup>(2)</sup> L-ispeġja "M'hemmx informazzjoni disponibbli" tista' tintuża jekk ma tkunx teżisti l-ebda informazzjoni għaċ-ċelloli rispettivi.

<sup>(3)</sup> Għall-konverżjoni tal-munita għandha tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.

<sup>(4)</sup> Għall-inqas fit-Tabella 3 u f'din it-tabella, għandha tingħata informazzjoni dwar l-istatus, meta din tkun disponibbli fil-livell diżagregat. Jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn l-ammonti impenjati u daww żborżati, jenħtieġ tintgħażel il-kategorija xierqa għall-ammonti rrapportati.

<sup>(5)</sup> Jenħtieġ li, f'din it-tabella, jiddaħħal biss l-appoġġ finanzjarju mogħti li jkun speċifiku għall-klima bħal pereżempju dak indikat bil-indikaturi OECD DAC.

<sup>(6)</sup> Jistgħu jintgħażlu bosta setturi applikabbli. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw tqasim settorjali jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli. "M'hemmx informazzjoni disponibbli" jenħtieġ tintgħażel biss jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għar-ringiela rispettiva.

<sup>(7)</sup> Għandu jintgħażel l-istrument finanzjarju xieraq, jekk għar-ringiela rispettiva hemm bosta strumenti finanzjarji rilevanti, jistgħu jintgħażlu bosta kategoriji. "M'hemmx informazzjoni disponibbli" jenħtieġ tintgħażel biss jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għar-ringiela rispettiva.

Tabella 6: Informazzjoni komplimentari dwar l-użu domestiku tad-dħul skont it-tip ta' nfiq li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu <sup>(1)</sup>

L-ammont ta' dħul użat għall-kategoriji ta' nfiq stabbiliti hawn taħt.	L-ammont totali żborżat fis-sena x-1		L-ammont totali impenjat fis-sena x-1		Il-kategoriji korrispondenti fit-Tabella 2		Kummenti
	1 000 EUR	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika	1 000 EUR	1 000 fil-munita domestika, fejn japplika	Il-kategorija fit-Tabella 2	Is-sehem tal-ammont mill-kategorija magħżula fit-Tabella 2	
1							
2							
3							
4							
5							
6							

Il-kategoriji ta' nfiq:

- 1. L-appoġġ dirett għall-mitigazzjoni fis-setturi koperti mill-EU ETS <sup>(2)</sup>.
- 2. L-appoġġ indirett għall-mitigazzjoni fis-setturi koperti mill-EU ETS, eż. l-innovazzjoni <sup>(3)</sup>.
- 3. L-appoġġ dirett għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet domestiċi/tal-UE f'setturi mhux koperti mill-EU ETS <sup>(4)</sup>.
- 4. L-appoġġ indirett għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet domestiċi/tal-UE fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU ETS, eż. l-innovazzjoni <sup>(5)</sup>.
- 5. Il-kumpens għall-piż tal-kost tal-karbonju <sup>(6)</sup>.
- 6. L-infiq mhux marbut mal-mitigazzjoni, eż. l-adattament <sup>(7)</sup>.

Noti:

- <sup>(1)</sup> Din it-Tabella tintuża biex tipprovdi tqassim addizzjonali tal-informazzjoni dwar l-infiq domestiku, f'konformità mal-kategoriji li jintużaw b'mod komuni fit-tqabbil internazzjonali. Għat-tipi ta' użi koperti mill-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-ammonti jistgħu jikkoinċidu mal-ammonti rrapportati fit-Tabella 2.
- <sup>(2)</sup> L-infiq irrapportat f'din il-kategorija jista' jkopri s-sehem tal-infiq rilevanti għas-setturi tal-ETS irrapportati fil-kategoriji li ġejjin fit-Tabella 2:
- (a) l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex jintlaħaq l-impenn tal-Unjoni;
  - (b) l-iżvilupp ta' teknoloġiji oħra li għenu fil-bidla lejn ekonomija b'karbonju baxx, sikura, u sostenibbli;
  - (c) l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jgħinu jissodisfaw l-impenn tal-Unjoni li żżid l-effiċjenza enerġetika;
  - (d) tnaqqis ieħor fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
  - (e) il-finanzjament ta' proġetti komuni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tal-avjazzjoni.
- <sup>(3)</sup> L-infiq irrapportat f'din il-kategorija jista' jkopri s-sehem tal-infiq rilevanti għas-setturi tal-ETS irrapportati fil-kategoriji li ġejjin fit-Tabella 2:
- (a) il-finanzjament ta' riċerka u żvilupp u proġetti ta' dimostrazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-adattament;
  - (b) il-finanzjament ta' inizjattivi fil-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej;
  - (c) il-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO<sub>2</sub> b'tali mod li jkunu sikuri għall-ambjent;
  - (d) il-finanzjament ta' riċerka u żvilupp fl-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji nodfa.
- <sup>(4)</sup> L-infiq irrapportat f'din il-kategorija jista' jkopri s-sehem tal-infiq rilevanti għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS irrapportati fil-kategoriji li ġejjin fit-Tabella 2:
- (a) l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex jintlaħaq l-impenn tal-Unjoni;
  - (b) l-iżvilupp ta' teknoloġiji oħra li għenu fil-bidla lejn ekonomija b'karbonju baxx, sikura, u sostenibbli;
  - (c) l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jgħinu jissodisfaw l-impenn tal-Unjoni li żżid l-effiċjenza enerġetika;
  - (d) is-sekwestru tal-karbonju bil-forestrija fl-Unjoni;
  - (e) l-inkoraġġiment għal bidla għal trasport b'emissjonijiet baxxi u għal forum pubbliċi ta' trasport;
  - (f) il-miżuri maħsuba biex jiżiedu l-effiċjenza enerġetika u l-insulazzjoni jew biex jingħata appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju;

- (g) tnaqqis ieħor fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
  - (h) il-miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.
- (<sup>5</sup>) L-infiq irrapportat f'din il-kategorija jista' jkopri s-sehem tal-infiq rilevanti għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS irrapportati fil-kategoriji li ġejjin fit-Tabella 2:
- (a) il-finanzjament ta' riċerka u żvilupp u proġetti ta' dimostrarazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-adattament;
  - (b) il-finanzjament ta' inizjattivi fil-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej;
  - (c) il-finanzjament ta' riċerka u żvilupp fl-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji nodfa.
- (<sup>6</sup>) L-infiq irrapportat f'din il-kategorija ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-għanijiet speċifikati fl-Artikoli 10(3) u 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.
- (<sup>7</sup>) L-infiq irrapportat f'din il-kategorija jista' jkopri l-infiq irrapportat fil-kategoriji li ġejjin fit-Tabella 2:
- (a) il-kopertura tal-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni tal-EU ETS;
  - (b) l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima;
  - (c) il-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema biex jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;
  - (d) użi domestiċi oħra.
-

## ANNEX III

## Informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw skont l-Artikolu 6(1)

Tabella 1: L-għoti tal-appoġġ impenjat u pprovdut mir-riżorsi finanzjarji pubbliċi permezz ta' kanali multilaterali, inkluż l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċità fejn rilevanti <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>

Kanal	Riċevitur	Titolu tal-attività/program/proġett jew oħrajn*	Sors ta' finanzjament	Strument finanzjarju	Tip ta' appoġġ	Settur	Ammont impenjat <sup>(a)</sup>	Ammont iprovdut <sup>(a)</sup>	Ekwivalenti ta' għotja* <sup>(a)</sup> <sup>(b)</sup>	Sotto-settur* <sup>(c)</sup>	Trasferiment tat-teknoloġija/Bini tal-kapaċità* <sup>(d)</sup>	Informazzjoni Addizzjonali* <sup>(e)</sup>
Bilateral/Regionali/Oħrajn (speċifika)	Reġjun/Pajjiż		ODA/ OOF/ Oħrajn (speċifika)	Għotja/ Self aġevolanti/ Self mhux aġevolanti/ Ekwità/ Garanzija/ Assigurazzjoni/ Oħrajn (speċifika)	Adattament/ Mittigazzjoni/ Trasversali	Enerġija/ Trasport/ Industrijal/ Agrikoltura/ Forestrijal/ Ilma u sanitazzjoni/ Trasversali/ Oħrajn (speċifika)					T/C/ It-tnejn/ Mhux applikabbli	

## Noti:

<sup>(1)</sup> L-elementi ta' informazzjoni mmarkati b' "\*" għandhom jimlew hekk kif ikunu disponibbli.

<sup>(2)</sup> L-informazzjoni għandha tiġi rrapportata għal kull sena kalendarja (X-1).

<sup>(a)</sup> L-ammont għandu jiġi rrapportat fil-munita domestika.

<sup>(b)</sup> Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta kif irrappurtata lin-NU jew lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) f'konformità ma' kull rekwiżit ta' informazzjoni miftehem f'livell internazzjonali.

<sup>(c)</sup> Il-kodiċijiet ta' ħames ċifri introdotti mill-Kumitat ta' Għajmuna għall-Iżvilupp tal-OECD għar-rappurtar lis-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri (DAC CRS) jistgħu jintużaw meta tiġi rrapportata l-informazzjoni tas-sotto-settur.

